9 ta' Mejju, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Antonia Mizzi *versus* Stanley Chapman et. (*)

**Patria Potestà — Tutela Legali — Kura tat-Tfal — Intervent tal-Marixxall — Art. 220 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili — Ordinanza I ta' l-1876 (Kap. 28).**

*Il-missier li jagħti tarbija tiegħu lil persuna oħra biex trabbiha, ma jipprivax ruħu mid-dritt li jirrikjama dik it-tarbija biex jieħu ħsiebha huwa, dritt li għandu bis-saħħa tal-patria potestà. U ħadd ma jista' jindaħallu fit-trobbija u l-edukazzjoni ta' dik it-tarbija.*

*Jekk it-tarbija tkun illeġittima, għax imwielda minn missier mhux magħruf, il-mara li tirrikonoxxi dik it-tarbija bħala bintha għandha l-istess drittijiet fuqha bis-saħħa tat-tutela legali, sakemm dik it-tarbija tikber u tasal għall-età maġġuri; u għalhekk, l-omm li meta twelditilha t-tarbija illeġittima tatha lil persuni oħra biex irabbuha, tista' meta trid titlob lura dik it-tarbija; u dawk il-persuni l-oħra mhux biss ma jistgħux jirrifjutaw li jikkunsinnawhielha, imma lanqas jistgħu jindaħlulha fl-edukazzjoni u t-trobbija tagħha. Jekk imbagħad dik il-mara tkun f'xi ambjent ħażin li jista' jkun ta' preġudizzju morali għat-tarbija, imiss lil ħadd ieħor, u mhux lil dawk il-persuni, li jitlob mill-Qorti kompetenti l-provvediment meħtieġ, jekk ikun il-każ.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti, barra milli applikat dawn il-prinċipji, intravediet ukoll illi l-ordni tagħha lill-konvenuti li jikkunsinnaw it-tarbija fil-kwistjoni ma kienx ser jiġi minnhom obdut volontarjament, u għalhekk awtorizzat lill-attriċi li teżegwixxi s-sentenza, jekk ikun hemm bżonn, billi tinqeda bl-intervent tal-Marixxall tal-Qorti.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-attriċi fl-ewwel ġimgħa ta' Frar 1950 ikkonsenjat, taħt ċirkustanzi għaliha dolorużi, lil bintha Teresa Mizzi, li twieldet "ex patre ignoto" fit-13 ta' Jannar 1950, lill-konvenuti in kustodja; u billi l-imsemmijin konjuġi Chapman, malgrado ripetuti istanzi ta' l-attriċi, anki bil-miktub, irrifjutaw li jikkonsenjaw lill-istess attriċi 'l fuq imsemmija tarbija Teresa

(*) Ceduta fl-Appell, 12. 6. 1950.

Mizzi, bintha; talbet illi jiġu kundannati jikkonsenjaw f'terminu brevissimu u perentorju lill-attriċi 'l fuq imsemmija tarbija Teresa Mizzi, bintha; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta li l-fattijiet tal-kawża fil-qosor huma dawn: L-attriċi, li hija xebba, ħarġet gravida........... Malli ħarġet mill-Isptar l-attriċi marret ma' Vincenza Bartolo għand il-konvenuti, u ħaditilhom it-tifla tagħha. Il-konvenuti nfurmaw lill-Pulizija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ord. I ta' l-1876; u wara li ġie uniformat għall-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi (Kap. 28 tal-Liġijiet ta' Malta), u wara li assumew li huma, għad li ta' reliġjon metodista, kienu lesti li jrabbu lit-tifla fir-Reliġjon Kattolika Romana, il-Pulizija affidaw lit-tifla ta' l-attriċi lill-konvenuti. Xi ġimgħatejn ilu l-attriċi marret għand il-konvenuti biex tieħu lura t-tifla tagħha, imma ġiet imkeċċija........... u hekk ġiet din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti ma ġiebu 'l-quddiem ebda raġuni valida fil-liġi biex juru li huma għandhom id-dritt ma jikkonsenjawx it-tifla Teresa Mizzi lill-attriċi omm ha;

Illi huwa veru li l-attriċi kienet kuntenta li dik it-tifla jeħduha l-konvenuti, u kienet anzi hija stess li ħadithielhom; imma "la circostanza di essere stata una infante allevata da estranei alla famiglia da quando essa fu slattata non è di ostacolo al padre di richiamrla a sè e di averne la cura, in virtù dei diritti inerenti alla patria potestà" (P.A. 4 ta' Diċembru 1896, "Grech vs. Calafiore", Vol. XV, 625). Jista' jkun veru wkoll li t-tifla Teresa Mizzi, jekk tibqa' miżmuma mill-konvenuti, tkun forsi f'ambjent aħjar u aktar f'aġju minn dak li qiegħda fih l-attriċi; imma apparti l-kwistjoni tar-reliġjon li jipprofessaw il-konvenuti, dawn ma għandhom ebda dritt li jinġerixxu ruħhom fuq l-edukazzjoni u t-trobbija tat-tifla. "La legge non attribuisce agli avi alcun diritto d'invigilare sulla educazione e condotta di un nipote minorenne contro la volontà del padre alla cui potestà fosse soggetta; molto meno poi se si tratta di consanguineità illegittima" (P.A. 11 ta' Jannar 1898, "Calafiore vs. Grech", Vol. XVI, 179). U jekk ma għandhomx dritt

jinġerixxu ruħhom in-nanniet, wisq anqas jistgħu jindaħlu l-*estranei;*

Jista' jiġi obbjettat li f'dawn il-każi kien jittratta minn tifel fejn kien hemm il-missier, u kwindi l-patria potestà tiegħu, li tonqos fil-każ preżenti, billi jittratta minn tifla illeġittima u mwielda "ex ignoto patre"; però, kif jidher mill-att tat-twelid tagħha, Teresa Mizzi ġiet rikonoxxuta mill-attriċi bħala ommha, u b'konsegwenza ta' dak ir-rikonoxximent l-istess attriċi għandha t-tutela legali ta' Teresa Mizzi, bintha, sakemm din tibqa' taħt l-età. U bħala tutriċi legali tagħha, *ħadd, kompriżi l-konvenuti, aktar mill-attriċi ma għandu dritt* fuq l-istess Teresa Mizzi. Barra minn dan, huwa biżżejjed magħruf li t-tfal, huma min huma, leġittimi jew illeġittimi, isibu normalment fil-ġenituri tagħhom biss, anki meta dawn ikunu fl-iżjed faqar, l-aqwa protezzjoni tant tal-persuna kemm tal-morali. Jekk l-attriċi tinsab f'xi ambjent ħażin li jista' jinfluwixxi fuq il-morali tat-tarbija, anki fl-età tagħha attwali—ħwejjeġ dawn li ma ġew b'xejn pruvati—imiss lil ħaddieħor, u mhux lill-konvenuti, li jintervjeni biex jottjeni mill-Qorti kompetenti, *jekk ikun il-każ, il-provvedimenti meħtieġa;*

Illi ma hemmx bżonn jingħad, għax huwa evidenti, illi l-allegazzjoni tal-konvenuti, sollevata fit-trattazzjoni, li huma għandhom dritt tat-tifla għaliex adottawha, ma tistax treġi. Għall-finijiet ta' l-adozzjoni l-liġi teżiġi ċerti kondizzjonijiet u proċeduri li l-konvenuti qatt ma ntentaw, u kif jidher lanqas jistgħu, għal issa almenu, jintentaw;

Illi r-rifjut tal-konvenuti li jikkonsenjaw lit-tifla Teresa Mizzi lil ommha, l-attriċi, jixhet is-suspett li huma m'humiex sejrin *jeżegwixxu volontarjament is-sentenza li sejra tingħata* dwar l-istess konsenja; u hekk jidher li għandu jiġi applikat l-art. 220 tal-Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba, u hekk tikkundanna lill-konvenuti biex jikkonsenjaw lit-tifla Teresa Mizzi lill-attriċi fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa. Fin-nuqqas ta' konsenja volontarja f'dan iż-żmien, l-attriċi hija awtorizzata li tipproċedi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza billi tinqeda mill-assistenza tal-*marixxall ta' dawn il-Qrati, li fin-nuqqas fuq imsemmi huwa* awtorizzat li, per mezz tal-mezzi li tagħtih il-liġi, jieħu mill-

poter tal-konvenuti l-istess tifla Teresa Mizzi u jikkonsenjaha lill-attriċi;

L-ispejjeż tal-kawża jħallsuhom il-konvenuti.